**26 ta' Ġunju, 1998**

***Imħallef:-***

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

John Vella

**Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65) - Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104)**

*Jinkombi fuq is-sid ta' vettura bil-mutur li jagħmel l-aċċertamenti li jkunu raġonevolment mistennija minnu fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ sabiex jivverifika jekk persuna oħra għandhiex il-liċenzja meħtieġa qabel ma tippermetti jew tħalli lil dik il-persuna l-oħra issuq il-vettura tiegħu. Dan japplika kemm għar-reat ikkontemplat fl-artikolu 15 (1) (ċ) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll,* mutatis mutandis, *għar-reat ikkontemplat fl-artikolu 3 (1) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra John Vella talli fis-27 ta' Lulju, 1995, bħala l-persuna li f'ismu kellu liċenzja tal-vettura Q-6331 ippermetta lil Louis Xerri ta' Triq Kerċem, Victoria, jagħmel użu mill-imsemmija vettura meta dan Xerri me kellux liċenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija u b'hekk ma kienx kopert dwar riskji għal terzi persuni;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) tad-19 ta' Frar, 1997, li permezz tagħha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi John Vella ħati skond l-imputazzjoni kif dedotta, ikkundannatu multa ta' mitejn u ħamsin lira (Lm250) u skwalifikatu milli jkollu liċenzja tas-sewqan għal żmien tliet xhur;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi John Vella, minnu pprezentat fl-4 ta' Marzu, 1997, li permezz tiegħu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant jikkonsisti, bażikament, filli hu jikkontendi li ma kienx jaf li Xerri ma kellux liċenzja biex isuq mutur. Din il-Qorti, però, tikkondividi l-fehma espressa mill-Ewwel Qorti fis-sens li jinkombi fuq is-sid ta' vettura bil-mutur li jagħmel l-aċċertamenti li jkunu raġonevolment mistennija *minnu fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ sabiex jivverifika jekk* persuna oħra għandhiex il-liċenzja meħtieġa qabel ma jippermetti jew iħalli lil dik il-persuna l-oħra issuq il-vettura tiegħu. Dan japplika kemm għar-reat ikkontemplat fl-artikolu 15 (1) (ċ) tal-Kap. 65 kif ukoll, *mutatis mutandis*, għar-reat *ikkontemplat fl-artikolu 3 (1) tal-Kap. 104. Inoltre, fil-każ in* diżamina, din il-Qorti hi sodisfatta li l-appellant kien jaf, jew messu raġonevolment kien jaf, li Xerri, li kien jafu sew, ma kellux liċenzja biex isuq mutur;

Kwantu għall-piena, din il-Qorti ma tarax li għandha tiddisturba l-piena erogata mill-Ewwel Qorti;

Għall-motivi premessi, tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Il-perijodu ta' l-iskwalifika jibda jiddekorri minn nofs il-lejl u minuta ta' għada.

---